

Il-konsumaturi qed jiffaċċjaw aktar riskji minn qatt qabel minħabba prodotti foloz

- 11 % tal-konsumaturi Maltin ġew imqarrqa biex jixtru prodott iffalsifikat
- Il-prodotti ffalsifikati jistgħu joħolqu riskji serji għas-saħħa u s-sikurezza
- 6.8 % tal-importazzjonijiet tal-UE – b'valur ta' EUR 121 biljun – huma ffalsifikati
- Madwar id-dinja qed jiġu nneozzjati prodotti farmaċewtiċi ffalsifikati b'valur ta' EUR 4 biljun

Skont l-istudju [Iċ-Ċittadini Ewropej u l-Proprietà Intellettwali](#) (PI) imwettaq mill-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea, il-konsumaturi għadhom isibuha bi tqila biex jiddistingwu bejn prodotti ġenwini u dawk foloz.

Kważi 1 minn kull 10 Ewropej (9 %) iddikjaraw li ġew imqarrqa biex jixtru prodott **ffalsifikati**, b'differenzi sinifikanti fost l-Istati Membri tal-UE. Il-pajjiżi bi proporzjon ogħla ta' konsumaturi mqarrqa huma l-Bulgarija (19 %), ir-Rumanija (16 %) u l-Ungerija (15 %). B'kuntrast ma' dan, l-Iżvezja (2 %) u d-Danimarka (3 %) għandhom l-aktar ċifri baxxi fl-UE. Malta hija kemxejn ogħla mill-medja Ewropea, bi 11 % jiddikjaraw li ġew imqarrqa biex jixtru prodott foloz.

F'kuntest globali fejn il-kummerċ elettroniku qed jikber – aktar minn 70 % tal-Ewropej xtraw online fl-2020, skont il-Eurostat – l-inċertezza rigward prodott ffalsifikati għadha ta' tħassib fost iċ-ċittadini tal-UE. Skont l-istudju, **terz tal-Ewropej (33 %) staqsew jekk prodott li kienu xtraw kienx oriġinali.**

Il-prodotti ffalsifikati jirrappreżentaw 6.8 % tal-importazzjonijiet tal-UE b'valur ta' EUR 121 biljun, skont [studju konġunt mill-EUIPO u mill-OECD](#), u jħallu impatt fuq kull settur: mill-kożmetiċi u l-ġugarelli, mill-inbid u x-xorb, mill-elettronika, sal-ħwejjeġ u saħansitra l-pestiċidi. Dawn jistgħu joħolqu riskji serji għas-saħħa u s-sikurezza għall-konsumaturi, b'mod partikolari minħabba l-esponiment għal sustanzi kimiċi perikolużi kif ukoll perikli oħra.

It-tħassib dwar il-prodotti ffalsifikati żdied matul il-pandemija tal-COVID-19. Il-**proliferazzjoni ta' mediċini ffalsifikati**, bħall-antibijotiċi u l-mediċini li jtaffu l-uġiġħ, u prodott mediċi oħra aktar reċentement, bħal tagħmir protettiv personali u maskri tal-wiċċ, xeħtet dawl fuq dan il-fenomeni peress li l-kontraventuri jabbużaw mill-inċertezza tan-nies dwar it-trattament u l-vaċċini emerġenti.

Minbarra r-riskji għas-saħħa u s-sikurezza, il-prodotti ffalsifikati spiss iwasslu għal ksur tas-sigurtà u telf finanzjarju.

Il-piraterija diġitali hija wkoll suq lukrattiv għall-kontraventuri. Fil-każ tal-IPTV – kontenut televiżiv akkwistat permezz ta' konnessjoni mal-internet — it-telf huwa sinifikanti. Il-fornituri tal-IPTV illegali jiggwadanjaw kważi EUR 1 biljun kull sena fl-UE, u dan jagħmel ħsara lill-ħallieqa tal-kontenut u lin-negozji leġittimi.

Il-kriminalità tal-PI hija attività li tħalli l-qliġh li tinvolvi gruppi ta' kriminalità organizzata u evidenza akbar turi rabtiet bejn il-falsifikazzjoni u l-piraterija kif ukoll reati oħra bħat-traffikar tad-drogi u tal-bnedmin, iċ-ċiberkriminalità jew il-frodi.

Id-Direttur Eżekuttiv tal-EUIPO, **Christian Archambeau**, qal:

Il-proprjetà intellettuali hija waħda mill-aktar assi prezzjużi tal-Ewropa, u element ewlieni fl-irkupru soċjali u ekonomiku tagħna, speċjalment għan-negozji ż-żgħar. Il-pandemija tal-COVID-19 poġġiet il-problema tal-kriminalità tal-PI taħt lenti li tkabbar biż-żieda ta' mediċini foloz u prodotti mediċinali li jkomplu jheddu s-saħħa u s-sikurezza taċ-ċittadini. Din hija kwistjoni li ilha teżisti, ħafna drabi marbuta ma' tipi oħra ta' attivitajiet illegali, li teħtieġ azzjoni koordinata u robusta urġenti u li dan l-aħħar reġgħet iddaħħlet bħala waħda mill-għaxar prijoritajiet fil-quċċata tal-UE fil-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata.

L-SMEs U L-KSUR TAD-DPI

Il-falsifikazzjoni mhux biss taffettwa lill-konsumaturi iżda tinvolvi wkoll ħsara sinifikanti għall-ekonomija tal-UE u, b'mod partikolari, għall-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs). Skont it-[tabella ta' valutazzjoni tal-SMEs għall-PI](#) ppubblikata mill-EUIPO, **1 minn kull 4 SMEs fl-Ewropa jiddikjaraw li sofrew minn ksur tal-PI, iżda l-SMEs Maltin ma rreġistraw xejn.**

Kumpaniji li għandhom drittijiet tal-PI bħal trademarks jew privattivi rrapportaw telf ta' fatturat (33 %), ħsara għar-reputazzjoni tagħhom (27 %) u telf ta' vantaġġ kompetittiv (15 %) minħabba ksur tad-drittijiet tagħhom.

Illum inqas minn 9 % tal-SMEs kollha fl-UE stess għandhom drittijiet tal-PI rreġistrati. Iżda għal dawk li għandhom, il-PI tagħmel differenza kbira: l-SMEs li għandhom DPI, bħal privattivi, disinni jew trademarks, għandhom 68 % aktar dħul għal kull impjegat minn dawk li ma għandhomx u l-impjegati tagħhom jaqilgħu pagi ogħla.

Biex titrawwem sensibilizzazzjoni dwar il-valur tal-PI u l-SMEs jiġu megħjuna jingranaw il-kompetittività tagħhom fil-post tas-suq, il-EUIPO nieda l-[programm Ideas Powered for Business](#), inkluż [Fond għall-SMEs ta' EUR 20 miljun](#), f'kooperazzjoni mal-Kummissjoni Ewropea u l-Uffiċċji tal-Proprietà Intellettuali tal-Istati Membri. Din l-inizjattiva tissussidja kemm is-servizzi tal-valutazzjoni tal-PI kif ukoll 50 % tat-tariffi tal-applikazzjonijiet tat-trademarks u tad-disinn fil-livell nazzjonali, reġjonali jew tal-UE, u qed tgħin lil eluf ta' SMEs jiżviluppaw l-istrateġiji tal-PI tagħhom f'dawn iż-żminijiet diffiċli.

DWAR IL-EUIPO

[Il-EUIPO](#) hu aġenzija deċentralizzata tal-UE, ibbażata f'Alicante, Spanja. Hija tiġġestixxi r-reġistrazzjoni tat-trademark tal-Unjoni Ewropa (EUTM) u d-disinn Komunitarju rreġistrat (RCD), u t-tnejn li huma jipprovdu protezzjoni għall-proprjetà intellettuali fl-Istat Membri kollha

tal-UE. Il-EUIPO jwettaq ukoll attivitajiet ta' kooperazzjoni mal-uffiċċji nazzjonali u reġjonali tal-proprjetà intellettuali tal-UE.

[L-Osservatorju Ewropew tal-Ksur tad-Drittijiet tal-Proprietà Intellettuali](#) ġie stabbilit fl-2009 biex jappoġġa l-protezzjoni u l-infurzar tad-drittijiet tal-proprjetà intellettuali u biex jgħin fil-ġlieda kontra t-theddida dejjem tikber tal-ksur tal-proprjetà intellettuali fl-Ewropa. Dan ġie ttrasferit lill-EUIPO fil-5 ta' Ġunju 2012 mir-Regolament (UE) Nru 386/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

Kuntatt mal-media

Servizz ta' Komunikazzjoni tal-EUIPO

Tel.: +34 653 674 113

press@euipo.europa.eu